MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 404/1991/1

**Perit Lawrence Montebello**

***Versus***

**Alfred Ellul u Mark Cini bħala diretturi għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà *Steel Structures Limited***

F'din il-kawża l-attur, li huwa perit arkitett, qiegħed ifittex għad-drittijiet ta' xogħol professjonali li għamel għas-soċjetà konvenuta.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi s-soċjetà konvenuta kienet qabbdet lill-attur sabiex iħejjilha pjanti u disinji għal xogħlijiet li xtaqet tagħmel fi proprjetà tagħha. Il-permess għax-xogħlijiet inħareġ fl-10 ta' Ġunju 1980, u bis-saħħa ta' hekk is-soċjetà konvenuta tellgħet parti mill-bini li kellha l-ħsieb li tagħmel u li kienet qabbdet lill-attur dwaru.

Fl-1990 is-soċjetà konvenuta kompliet bil-bini li hemm illum, wara dak li kien tela' fl-1980, u kompliet tibni żewġ sulari fuq il-*garages* li kienu nbnew fil-bidu.

Għax-xogħol li sar mill-1990 'l quddiem, l-attur ma kienx mgħarraf sabiex ikun jista' jissorvelja x-xogħol. Għalhekk temm l-inkariku li kien ingħatalu u talab li jinħeles mir-responsabbiltà skond il-liġi. Issa, hu għandu jedd illi jitħallas, bir-rata ta' tnejn minn tlieta (⅔) ta' sitta fil-mija (6%) ta' kemm jiswew ix-xogħlijiet, għax-xogħol li laħaq għamel għall-konvenuta għat-tħejjija tal-pjanti ta' l-uffiċċji u l-imħażen fl-ewwel u t-tieni sular fuq il-*garages*, u għat-talba biex inkisbu l-permessi meħtieġa.

Billi, iżda, għalxejn sejjaħ lill-konvenuta biex tħallsu ħames mija u sittin lira (Lm560) drittijiet kif imfisser fuq, l-attur kellu jiftaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti, wara li tgħid illi s-soċjetà konvenuta kienet qabbditu jagħmlilha xogħol li għalih il-konvenuta baqgħet ma ħallsitx, tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur ħames mija u sittin lira (Lm560), jew somma oħra aktar preċiża, għad-drittijiet professjonali, flimkien ma' l-imgħax mid-29 t'Ottubru 1990, meta ntbagħtet ittra uffiċjali, u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-29 t'Ottubru 1990.

Is-soċjetà konvenuta ressqet l-eċċezzjoni illi hija ma għamlet ebda xogħol ta' bini fl-1990, kif qiegħed igħid l-attur, u għalhekk ma għandha tagħtih xejn. B'nota tat-18 ta' Mejju 2005 il-konvenuta kompliet ressqet eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ta' sentejn taħt l-art. 2149(ċ) tal-Kodiċi Ċivili.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

Is-soċjetà konvenuta kienet qabbdet lill-attur bħala perit arkitett sabiex iħejji pjanti biex tkun tista' ttella' bini, u sabiex jiksbilha l-permessi meħtieġa. L-attur ħejja l-pjanti u kiseb il-permess, iżda s-soċjetà konvenuta tellgħet parti biss mill-bini li għalih kienu tħejjew il-pjanti. Għall-bini li tela' l-attur tħallas.

Xi snin wara, is-soċjetà konvenuta kompliet ittella' l-bini fuq il-pjanti mħejjija mill-attur, iżda lill-attur ma għarrfitux b'dan u ma sejħitlux biex jissorvelja l-bini. Meta sar jaf b'dan, l-attur, sabiex jeħles mir-responsabbiltà billi l-bini ma kienx issorveljah, temm il-ħatra tiegħu u talab li jitħallas.

Inqisu l-ewwel l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni.

Dwar id-dritt ta' perit arkitett li jabbanduna lill-klijent tiegħu, jew li jkun abbandunat minnu, il-paragrafi 10 u 11 tat-Tariffa K mehmuża mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħidu hekk:

**10.** *Disinji u Fabrikazzjoni ta' Bini*

Għat-teħid ta' istruzzjonijiet tal-klijent, preparazzjoni ta' skizzijiet ta' disinji, għemil ta' stimi approssimattivi ta' l-ispiża b'qies kubu jew xort'oħra, għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għall-bini u/jew liċenzi oħra, preparazzjoni ta' disinji u speċifikazzjonijiet ta' xogħol, għoti ta' sorveljanza ġenerali, ħruġ ta' ċertifikati ta' ħlas u ċertifikazzjoni ta' kontijiet, id-dritt dwar xogħlijiet ġodda għandu jkun stmat kif ġej:

Jekk l-ispiża tax-xogħol magħmul jeċċedi Lm1,000 ... 6% ta' l-ispiża

**11.** *Drittijiet meta l-Perit jabbanduna lill-Klijent jew jiġi Abbandunat mill-Klijent jew Xogħlijiet Jibqgħu mhux Magħmula*

1. Jekk proġett imsemmi fil-paragrafu 10 ta' din it-Tariffa jew parti minnu jkun abbandunat jew jekk il-perit jabbanduna l-klijent jew ikun abbandunat mill-klijent:

(*a*) … … …

(*b*) wara li l-perit ikun ħa l-istruzzjonijiet tal-klijent, ipprepara l-iskizz tad-disinji, għamel stima approssimattiva ta' l-ispiża, issottometta applikazzjonijiet għal liċenzi għal bini u/jew liċenzi oħra, u pprepara disinji u speċifikazzjonijiet tax-xogħol id-dritt għandu jammonta għal żewġ terzi (⅔) tad-dritt speċifikat fil-paragrafu 10.

Sabiex ikollu jedd jitħallas taħt il-para. 11, meta l-perit jabbanduna l-klijent jew ikun abbandunat mill-klijent qabel ma jitlestew ix-xogħlijiet, irid ikun seħħ "l-abbandun", għax inkella t-talba tkun intempestiva. Sa dak iż-żmien, il-preskrizzjoni ma tibdiex tgħaddi għax *contra non valentem agere non currit præscriptio*.

Ma huwiex kontestat illi, meta nfetħet il-kawża, ix-xogħlijiet kienu għadhom ma tlestewx. Dan xehdu Mark Cini, direttur tas-soċjetà konvenuta, meta fis-seduta ta' l-24 ta' Ġunju 1992 quddiem il-perit tekniku qal illi:

Oriġinarjament, meta l-Perit Montebello applika għall-permessi kien kollox inkluż: it-tinda, *garage* fuq quddiem, u żewġ sulari, wieħed minnhom li qatt ma bnejna.[1]

L-attur abbanduna lill-konvenuta bħala klijent tiegħu b'ittra ta' l-24 t'Ottubru 1990; ma huwiex kontestat mill-konvenuta illi ma kinitx hi li abbandunat lill-attur. Dwar

[1] *Fol*. 72, para. xiv.

dan xehed Alfred Ellul, direttur ieħor tal-konvenuta, li fis-seduta tat-22 ta’ Jannar 2001 qal illi:

Jien qatt ma qbadt u ktibtlu lill-perit fejn informajtu li itterminajtlu l-inkarigu.[2]

Għalhekk id-*dies a quo* jiġi l-24 t’Ottubru 1990, meta l-attur abbanduna lill-klijent. Il-kawża nfetħet fil-11 t’April 1991, anqas minn sentejn wara, u għalhekk il-preskrizzjoni kienet għadha ma għalqitx.

L-eċċezzjoni ta’ preskrizzjoni hija għalhekk miċħuda.

Ngħaddu issa biex inqisu l-meritu tat-talba ta’ l-attur.

Sabiex tara jekk l-attur għamilx ix-xogħlijiet kollha msemmija fil-para. 11 (1)(*b*) tat-Tariffa K u sabiex ikollha stima tax-xogħlijiet biex, jekk ikun il-każ, jinħadem id-dritt li jmiss lill-attur, il-qorti b’dikriet tat-3 ta’ Frar 1992 ħatret perit tekniku, u l-perit irrelata fl-4 ta’ Novembru 2003. Il-perit sab illi l-attur għamel ix-xogħlijiet kollha biex jistħoqqlu ħlas b’rata ta’ tnejn minn tlieta (⅔) ta’ sitta fil-mija (6%) ta’ kemm jiswew ix-xogħlijiet, u sab illi d-dritt maħdum b’dan il-mod jiġi mhux inqas mis-somma ta’ ħames mija u sittin lira (Lm560) li qiegħed jitlob l-attur.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta’ l-kawża billi tiċħad ukoll l-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta fil-meritu u tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur bħala drittijiet professjonali s-somma ta’ ħames mija u sittin lira (Lm560), flimkien ma’ l-ispejjeż u l-imgħaxijiet mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

2 *Fol*. 90, para. xiii.